KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAS-SLIEMA TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 89

Id-disa u tmenin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 17 ta' Ottubru 2018 fis-6.15pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsilllier |
| | Vivianne Galea Pace | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier (daħal fis-19.37) |
| | Pierre Portelli | Kunsillier (daħal fit-20.54) |
| | John Pillow | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier (*dahal fis-19.26)* |
| **ASSENTI B'APPOLOGIJA** | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| **(Skont Ordni Permanenti 14A (3)** | Kris Busietta | Vici-Sindku |
| **ASSENTI** | | |
| **UFFIĊĊJALI PREŻENTI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta bdiet fis-18.15 b'din l-Agenda:*

*89.1 Qari tal-ittri ta' apologiji;*
*89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;*
*89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;*
*89.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera;*
*89.5 Rapporti;*
*89.6 Approvazzjoni Quarterly Financial Report – April sa Gunju 2018*
*89.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati;*
*89.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;*
*89.9 Mozzjonijiet ;*
*89.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss*

**89.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOGIJI**

89.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa b'ittra t'apoloġija tal-Kunsilliera L. Cassar Shaw u K. Busietta. Kien hemm qbil li jiġu reġistrati bħala Assenti b'Apologija.

**89.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

89.2.1 Is-Sindku ressaq il-minuti 88 tas-seduta tat-18 ta' Settembru 2018 għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

89.2.2 Il-Kunsilliera N. Castaldi Paris proponiet l-approvazzjoni tal-minuti 88. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Kien hemm qbil unanimu fost il-Kunsilliera prezenti li jiġu approvati. Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Ezekuttiv.

*Approvazzjoni tal-minuti 88_18/09/2018*

**89.3 KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

89.3.1 Is-Sindku informa li beda x-xogħol fi Triq Nicolo Isouard. Filwaqt li dwar Triq il-Kbira għad m'hemmx aktar informazzjoni mill-aħħar seduta. Il-Kunsill ġie infurmat li Triq Manwel Dimech se ssir min-naħa ta' Infrastruttura Malta fis-sena 2019.

*Triq il-Kbira/Triq Nicolo Isouard/Triq M. Dimech*

89.3.2 Il-Kunsill ġie infurmat li għall-post vakanti ta' *clerk*, saru *interviews* dalgħodu, u l-bord magħmul mis-Sindku, il-Kunsilliera M. Aquilina u s-Segretarju Ezekuttiv qiegħed jirrakomanda lil Deandre Grima. Il-Kunsill qabel ma din ir-rakkomandazzjoni u se jibda jaħdem mill-1 ta' Novembru 2018 fuq skala 15 punt 3.

*Post vakant ta' clerk*

89.3.3 Dwar il-monument ta' Tony Nichol saret komunikazzjoni mal-periti

*Monument Tony Nichol*

tal-MTA fejn se jiġi propost li l-*iscreen* taghhom jitqieghed fi Triq Bisazza ma' Triq it-Torri. Is-Sindku informa li ħadu ħsieb ukoll flimkien mal-perit li ma jingħalqx l-aċċess. Il-Kunsill qabel ukoll li jitlob pjanta u jsir *site meeting* dwar l-istruttura li jridu jpoġġu l-MTA f'kaz illi jidher li ser jigi imblukkatt l-access tal-bankina.

89.3.4 Is-Sindku informa li l-applikazzjoni għal tibdil fl-isem ta' Triq San Trofimu intbgħatet lis-*Street Naming Committee*. Is-Segretarju Ezekuttiv informa bir-risposta tagħhom, li dawn mhux ha jipproċessawa sakemm il-Kunsill iwaħħal 'This is a historical street name' fi Triq Manwel Dimech. Kien hemm qbil li din it-tabella tiġi ordnata taċ-ċerimaka mill-aktar fis. *Parrocċa Madonna tas-Sacro Cuor*

89.3.5 Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar is-soluzzjoni tal-ħamiem li tawna l-AKL, skond il-*policy* tal-Gvern. L-Ministeru tas-Saħħa għandhom kuntrattur 'DDE Attard Ltd' li ġie magħzul permezz ta' tender min-naħa tagħhom. Gie infurmat li l-Kunsill se tiswiħ: *Hamiem*

Għal kull ħamiema li jaqbad Eur 5
Għal kull siegħa li jagħmel Eur 10
F'kaz li jkun hemm bzonn ta' *cherry picker* dan jiswa Eur 25

Kien hemm diskussjoni sħiħa dwar dan għaliex din se tiġi spiza għolja għall-Kunsill Lokali minħabba l-ammont kbir ta' ħamiem li hemm f'Tas-Sliema. Gie diskuss ukoll li m'hemmx mod kif il-Kunsill jista jinduna jekk il-ħamiem hux qegħdin jitnaqqsu jew le. Is-Segretarju Ezekuttiv għandu jsaqqsi lill-AKL, jekk il-Kunsill izomm l-istess metodu iridx jaħdem ma' dan il-kuntrattur bilfors. Il-Kunsillier J. Pillow issuġġerixxa li l-pubbliku għandu jkun infurmat b'din l-unika soluzzjoni li ġejna imposti biha bhala *policy* tal-Gvern.

89.3.6 Dwar it-tender tal-lattrini, is-Sinkdu informa li l-kumitat se jkun qiegħed jiltaqa darb'oħra. *Tender -Latrini*

89.3.7 Dwar it-tender ta' tabelli u sinjali, is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Koptasin infurmaw li għandhom nuqqas ta' ħaddiema u b'hekk waqgħu lura fix-xogħol anke bl-ordnijiet li ingħataw mill-uffiċċju tagħna. *Tabelli u Sinjali*

89.3.8 Dwar is-servizz ta' *cash in transit*, il-Kunsill ħareġ sejħa għal tender. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li anke bl-orħos offerta, il-Kunsill ma jaffordjax din l-ispiza għaliex hija Eur45 kull gabra. Il-Kunsill reġa ddiskuta l-punt li l-Kunsill qiegħed iħallas għall-ammont ta' flus li *Cash in transit*

qiegħed jiġbor lill-LESA. Is-Segretarju Ezekuttiv spjega li dawn huma l-flus li nirċievu f'isem il-LESA għal permessi bil-gwardjani lokali. Għal dan il-Kunsill mhux jingħata kumpens. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li meta kellu diskussjoni mal-AKL kienu infurmaw li la darba jiffinallizzaw ir-riforma tal-Kunsilli Lokali se jkunu qegħdin jikkunsidraw l-*administration fees* lejn il-Kunsilli.

*Daħal il-Kunsillier P. Radmilli fis-19.26*

Dwar l-offerti tal-*cash in transit*, is-Segretarju Ezekuttiv qal li se jiċċekkja ma' Kunsilli oħra xi prezzijiet qegħdin iħallsu. F'kaz li jkun hemm bzonn, is-Segretarju Ezekuttiv issejjaħ il-bord ghall-evalwazzjoni finali.

89.3.9 Il-Kunsillier J. Pillow talab biex il-*contracts manager* idur l-i*scaffoldings* ukoll. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-*contracts manager* qiegħed diga jikkordina mal-istaff konċernat fejn ikollhom lista u dawn jiġu iċċekkjati. Madankollu s-Segretarju Ezekuttiv ħeġġeġ lill-Kunsilliera li f'kaz li jkollhom *site* partikolari jistgħu jibgħatu email ukoll kif jagħmlu diversi kunsilliera bl-ilmenti u dawn jintbghatilhom lura rapport tal-ispezzjoni li tkun saret. Din diga qeghda ssir. *Scaffolding permits*

*Daħal il-Kunsillier D. Muscat fis-19.37*

*Is-Sindku talab fis-19.48 biex is-seduta tiġi sospiza ghal punt 89.6. Kien hemm qbil dwar dan.*

## 89.6 APPROVAZZJONI (QUARTERLY FINANCIAL REPORT – APRIL SA GUNJU 2018)

89.6.1 L-accountant tal-Kunsill spjega il-pozizzjoni finanzjarja u r-rapport tal-perjodu April sa Gunju 2018. Il-Kunsill approva r-rapport finanzjarju.

## 89.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

89.4.1 Il-Kunsillier P. Radmilli irrefera għal UDF u saqsa għaliex l-ispejjez tal-perit ma jiġux inkluzi meta l-Kunsill jiġi biex jitlob il-fondi. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien diġa saqsa, madankollu li jista jerġa jagħmel talba uffiċċjali bil-miktub. *UDF*

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu saqsa lill-PA għal *statement* dettaljat tal-bilanc tal-fondi fil-UDF u din għada ma wasslitx. Kien hemm diskussjoni sħiħa u l-Kunsill għandu jara fejn marru l-flus li kienu allokati għal Tas-Sliema. Hemm zbilanc ta' zewg miljun ewro. Il-Kunsillier P. Radmilli irrimarka li dawn ma jistgħux ibiddlu dak li kien allokat għal Tas-Sliema. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li hemm bzonn li l-pubbliku jsir jaf x'qiegħed jiġri. Il-Kunsillier P. Radmilli propona li l-Kunsill jagħmel ittra gudizjarja għaliex li titlef zewġ miljuni mhux ċajta. Il-Kunsill qabel li fin-nuqqas li ma jkollniex risposta mil-PA għat-talba għal statement tal-fondi fuq Tas-Sliema, ghandna nitolbu laqgħa urġenti mac-Cermen tal-Awtorita tal-Ippjanar sabiex tinghata spjegazzjoni biex il-Kunsill ikun jaf il-pozizzjoni tiegħu. Għal laqgħa li jmiss il-Kunsill jara l-izvilupp ta' din is-sitwazzjoni.

89.4.2 Il-Kunsilliera ġew infurmati li l-Kunsill irċieva email mil-AKL fejn infurmaw b'sistema ġdida ta' *car sharing* li giet approvata diga min Transport Malta. Se jinzebgħu 22 parkeġġ riservat ghall-karozzi tal-kiri tal-eletriku, fejn se jkun hemm ukoll *charging station* għal dawn il-karrozzi f'ihud minnhom. Il-Kunsilliera M. Aquilina qalet li din hi sistema tajba biex jitnaqqas it-traffiku u taqbel li ssir.

Is-Sindku qal li l-iskop tagħha huwa tajjeb madankollu il-fatt li se jitnaqqsu 22 il-parkeġġ minn Tas-Sliema se jkollna problema min-naħa l-oħra. Is-Sindku fakkar li diġa għandna diversi parkeġġi meħuda minħabba *tables and chairs*, minħabba l-ammont kbir ta' kostruzzjoni kif ukoll l-RPZ ma ġietx approvata. Il-Kunsillier D. Muscat saqsa jekk forsi jistghax jissuġġerixxi Il-Kunsill stess liema parkeġġi jistgħu jittieħdu. Il-Kunsillier M. Briguglio qal li għalkemm jaqbel ma din l-inizjattiva jħoss li l-Kunsill setgha jiġi kkunsultat biex forsi l-iskema ssir bl-inqas danni għar-residenti. Is-Sindku qara l-ittra mil-AKL.

*Daħal il-Kunsillier P. Portelli fit-20.54*

Il-Kunsill qabel li għandu jikteb komunikat ghall-istampa b'dan li ġej: *Filwaqt li jaqbel mal-kunċett, il-Kunsill jilmenta għaliex ma saritx konsultazzjoni anki dwar il-parkeġġ u l-postijiet kif intgħazlu. Li kieku saret konsultazzjoni l-Kunsill kien jipproponi li dawn isiru fil-car parks ta' TM.* Kien hemm qbil li dan l-*istatement* isir pubbliku.

## 89.5 RAPPORTI

89.5.1 Ma kienx hemm aktar rapporti.

## 89.7 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAR-RAPPORTI TAL-LAQGHAT TA' KUMITATI U/JEW SOTTO KUMITATI

89.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv informa dwar l-izvilupp tal-*organic waste*. Il-Kunsill ġie infurmat li meta kien propona li jsir ġbir tal-iskart kemm organiku kif ukoll borza s-sewda, ġara li l-kuntrattur ma kienx se jlaħħaq ibattal u jasal għat-tieni ġabra għaliex il-Wasteserv jagħlqu fid-9pm. Il-Kunsillier P. Radmilli fakkar lil l-Kunsill qiegħed jimxi mal policy tal-Gvern li l-iskart jinġabar filgħaxija. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar li la darba l-Kunsill jiddeċiedi l-ħinijiet ma jkunx jista jbiddilhom peress li dawn issa ser isiru parti integrali tal-*Littering Regulations*. *Organic Waste u skeda ġdida*

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skuzat li jitlaq mis-seduta fl-22.02*

Wara diskussjoni, l-Kunsill qabel b'din l-iskeda ta' gbir:

It-Tnejn - Skart Organiku (borza bajda)
It-Tlieta - Skart imħallat (borza sewda)
L-Erbgħa - Skart Organiku (borza bajda)
Il-Ħamis - Skart imħallat (borza sewda)
Il-Ġimgħa - Skart Organiku (borza bajda) u Skart Riċiklatt (Borza Ħadra)

Il-ħin jibda fis-7pm. Il-ġbir tal-ħġieġ ikun l-ewwel ġimgħa u t-tielet ġimgħa tax-xahar.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal li se jgħaddi din l-iskeda lil Wateserv, wara li jsir koordinament mal-kuntratturi tal-Kunsill Lokali. La darba tiġi approvata jiġu ppubblikati posters u fl-eventwalita, anke *flyers*.

89.7.2 Il-Kunsillier D. Muscat informa li daħlu 20 nominazzjoni għal premju Gieh Tas-Sliema 2018 għas-serata 26 t'Ottubru 2018. Il-kumitat approva lil Shanaya Attard bħala zagħzugħa. Għal premji Gieħ Tas-Sliema l-kumitat irrakomanda lil Terry L. Bencini, M. T. Vassallo kif ukoll Tania Gera. Bħala persuna li m'għadiex magħna l-kumitat irrakomanda lil P. Henry. Il-Kunsill qabel mar-rakkomandazzjoni tal- *Tas-Sliema Wirt u Niesha*

kumitat. Il-Kunsillier D. Muscat fakkar li l-għada s-Sibt se jsir kunċert fil-11am fi Pjazza Sant'Anna.

**89.8 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

89.8.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-pagamenti tal-kontijiet.

89.8.2 Il-Kunsillier J. Pillow irrefera għall-pagamenti ta' Triq il-Kbira pagabbli lil Med Developers dawk li ġew riveduti u xorta jħoss li għadhom għaljin.

89.8.3 Il-Kunsillier J. Pillow propona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier P. Portelli issekonda. Kien hemm qbil mil-Kunsilliera prezenti. *Approvazzjoni tal-pagamenti*

**89.9 MOZZJONIJIET**

89.9.1 Ma kien hemm ebda mozzjoni.

**89.10 TMIEM TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS**

89.10.1 Is-seduta ntemmet fil-23.11 ta` filgħaxija. Seduta oħra se ssir nhar il-Ħamis 15 ta' Novembru 2018 fis-6pm.

Minuti approvati llum 15 ta' Novembru 2018

| | |
|---|---|
| (IFFIRMATA) | (IFFIRMATA) |
| **Anthony Chircop** | **Matthew Dimech** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |